**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta’ Ottubru, 2016

Rikors Kongunt Nru : 178/16 AL

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie konfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

1) Illi r-rikorrenti zzewgu fit-tnax ta' Marzu elfejn u tnejn (12/03/2002) fir-Registru taz-Zwigijiet, fir-Registru Pubbliku, il-Belt, Valletta, Malta, u dana skont l-anness certifikat immarkat ‘Dok ‘A’;

2) Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3) Illi r-rikorrenti sseparaw minn xulxin permezz ta’ sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti ppreseduta mill-Onorevoli Mhallef Anna Felice B.A., LL.D, datata erbatax ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (14/06/2011) fl-ismijiet, '*Elsa Mallia vs Dr. Anthony Cutajar et*', (Citazzjoni Numru:

369/2009), liema kopja awtentikata tal-imsemmija sentenza hija hawn anness u mmarkata bhala Dok 'B';

4) Illi llum-il gurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrenti jirrikonciljaw stante li ilhom ghal dawn l-ahhar seba' (7) snin separati minn xulxin. In oltre, illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u addirittura ffurmaw rabtiet ohrajn ma' persuni ohra/ familji godda;

5) Illi, in oltre, r-rikorrenti ma ghandhom l-ebda pendenza bejniethom rigward il-manteniment;

6) Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul. Għal dan il-għan huma qegħdin jagħtu struzzjonijiet konġunti lill-avukat sottoskritt sabiex jirrappreżenta lit-tnejn li huma f'dawn il-proċeduri;

7) Illi, dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16, tal- Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn Ahmad Raji u Elsa (Elizabeth) Mallia u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom maħlul ai termini tal-Artikoli 66A *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 2016;

Rat l-affidavits bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati permezz ta' sentenza datata 14 ta' Gunju 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.